MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 493/1988/2

**Edgar Bonello, u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1985 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Joseph u Vincent Bonello li huma eredi ta' l-imsemmi Edgar Bonello**

**vs**

**Marie u Colin konjugi Shires**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Dicembru 1983 li permezz taghha l-attur Edgar Bonello wara li ppremetta:

Illi l-attur, li kellu s-sengha ta' argentier fil-perijodu ta' bejn l-1980 u l-1982, ikkonsenja lill-konvenuti kwantita` ta' oggetti tad-deheb fosthom brazzuletti, crieket u effetti ohra prezzjuzi fil-kwalita` u fl-ammont li jigu ppruvati ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, tal-valur intrinsiku komplessiv ta'

Lm5,000 bl-iskop li tali oggetti jigu mibjugha mill-konvenuti fil-hanut taghhom f'Naxxar Road, B'Kara b'dan illi meta l-istess oggetti jinbieghu huma jirrifondu lill-attur il-valur intrinsiku ta' kull oggett mibjugh;
Illi sallum il-konvenuti bieghu kwantita` jew it-totalita` ta' l-imsemmija oggetti minghajr qatt ma taw ebda informazzjoni relattiva u lanqas hallsu ebda flus lill-attur bil-mod kif kienu obbligati jaghmlu kif premess;

Talab li din il-Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-attur ikkonsenjalhom diversi oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz tal-kwalita` u fl-ammont li jigu minnu provati waqt it-trattazzjoni tal-kawza sabiex jinbieghu mill-konvenuti u in segwitu huma jirrifondu lill-attur il-valur intrinsiku taghhom kif premess, ghar-ragunijiet premessi:

(1) tiddikjara u tiddetermina l-identita` u l-kwantita` tal-oggetti prezzjuzi li effettivament gew mibjugha mill-konvenuti u ta' dawk l-oggetti l-ohra li eventwalment ghadhom fil-pussess taghhom okkorrendo per opera ta' periti nominandi in bazi tar-rizultanzi processwali;

(2) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur il-valur intrinsiku tal-oggetti li in forza ta' l-ewwel domanda jirrizultaw gia` mibjugha fl-ammont li jigi fissat minn din l-istess Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tal-persuna nru. 1856/83 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni, salv kull dritt iehor spettanti lill-attur fuq l-oggetti prezzjuzi li eventwalment jirrizultaw ghadhom fil-pussess tal-konvenuti;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

(1) L-inkompetenza ta' din il-Qorti peress illi jirrizulta illi hawn si tratta ta' atti ta' kummerc u ghalhekk hija kompetenti l-Qorti tal-Kummerc;

(2) Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi kull ma ghandhom li jappartjenu lill-attur bhala kkonsenjat

lilhom huma zewg items biss kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Lulju 1984 li permezz taghha giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u gie ordnat li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-Qorti ta' l-Appell skond u ghall-finjiet ta' l-artikolu 779 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Novembru 1986 fejn iddecidiet li l-Qorti kompetenti kienet il-Qorti tal-Kummerc u orfdnat li l-atti tal-kawza jintbaghtu lil dik il-Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti pprezentata fit-30 ta' Settembru 1986 fejn qalu:

Illi l-gudizzju mhux integru stante li Edgar Bonello miet, halla tliet ulied u armla, u stante li bit-testment tieghu iddisereda lil bintu, liema disposizzjoni qed tigi kontestata, flokha ghall-inqas kellhom jidhlu uliedha, li mhumiex parti fil-kawza;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Jannar 1987 li permezz tieghu gie nominat l-assistent gudizzjarju l-Avukat Dottor Guido Saliba sabiex jigbor il-provi;

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 1987 fejn Dottor Joseph Brincat ghall-konvenuti rrinunzja ghall-eccezzjoni moghtija permezz tan-nota tat-30 ta' Settembru 1986;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 1988 li permezz tieghu ghall-imsemmi assistent gudizzjarju li ma baqax jokkupa tali inkarigu gie sostitwit l-assistent gudizzjarju l-Avukat Dottor Tony DeGaetano;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Ottubru 1991 li permezz tieghu, wara li gie revokat l-inkarigu ta' l-assistent gudizzjarju l-Avukat Dottor Tony DeGaetano li ma baqax f'dak l-inkarigu u ma gie nominat hadd minfloku, gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala perit legali;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti pprezentata fis-7 ta' Marzu 1995 fejn qalu:

Illi t-talbiet tal-attur huma preskritti ghat-tenur tal-art. 2148(a) tal-Kodici Civili u, sussidjarjament l-art. 2156(f);

Illi f'kull kaz uminghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi Edgar Bonello ma kkonsenja xejn lill-konvenuti bejn 1980 u 1982;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet tas-6 ta' Marzu 2000 fejn intlaqghet it-talba tal-perit legali biex jigi ezonerat mill-inkarigu tieghu;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni

Il-konvenuti ssollevaw il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(a) jew, sussidjarjament, a tenur ta' l-artikolu 2156(f).

L-artikolu 2148(a) jipprovdi, *inter alia*, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjonijiet ta' l-argentieri ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, bid-dekorriment tal-perijodu ta' tmintax-il xahar. L-applikazzjoni ta dan l-artikolu huwa marbut ma' l-artikolu 2160 ta' l-istess Kodici li jghid illi : “Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex

debituri jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.” Ma jistax jinghad li dan l-ezercizzju sar waqt dawn il-proceduri. U fi kwalunkwe kaz hawn ma kienx jittratta semplicement bejgh ta' oggetti li l-attur ghamel lill-konvenuti, izda kien jezisti ftehim fis-sens li l-konvenuti jhallsu lill-attur ta' dawn l-oggetti meta jinbieghu.

L-artikolu 2156(f) imbaghad jipprovdi ghall-preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin ta' dawk l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn, *inter alia*, operazzjonijiet kummercjali. Dak li ntqal fil-paragrafu precedenti japplika anke fir-rigward ta' dan l-artikolu. Pero` hawn ukoll, anke jekk wiehed jiehu l-aktar data vantagguza ghall-konvenuti, cioe` meta skond huma l-attur kien waqaf jikkonsenjalhom oggetti u allura ppretenda pagament ta' kollox, u dan fl-1979, ma kienx iddekorra l-perijodu ta' hames snin sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni fil-21 ta' Dicembru 1983.

Konsegwentement l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, kemm fir-rigward ta' l-artikolu 2148(a) kif ukoll fir-rigward ta' l-artikolu 2156(f) huma michuda.

<u>Dwar il-mertu</u>

Edgar Bonello, illum mejjet, huwa missier il-konvenuta Marie Shires. Wara li zzewget marret tghix l-Ingilterra izda fl-1977 irritornat Malta flimkien ma' zewgha sabiex, bl-ghajnuna ta' missierha, jifthu hanut f'36 Naxxar Road, B'Kara. Il-konvenuti kellhom numru ta' *suppliers* u missier il-konvenuta kien ukoll jikkonsenjalhom oggetti tad-deheb biex jinbieghu mill-hanut. Skond id-dikjarazzjoni guramentata ta' Edgar Bonello, il-ftehim kien li meta dawn l-oggetti jinbieghu, huma jirrifonduh il-valur intrinsiku ta' kull oggett mibjugh. Minhabba r-relazzjoni bejn il-partijiet, ma kinux jinghataw ircevuti reciproci, la mill-konvenuta ta' l-oggetti li kienet tircievi u lanqas minn missierha tal-flus li kien jircievi minghandha. Pero` jidher li l-konvenuta kienet tikteb l-oggetti li kienet tircievi minghand missierha fuq pitazz (esebit bhala Dok. MS1). Hemm kienet tikteb il-prezz, id-data meta tkun irceviethom, id-data meta tkun bieghethom u d-data meta tkun hallset lil missierha. L-ahhar entrata li tirrigwarda oggetti li l-konvenuta rceviet

minghand missierha hija tal-5 ta' Mejju 1979 bl-oggetti enumerati 126 sa 133.

Permezz tac-citazzjoni l-attur talab li din il-Qorti tiddetermina liema huma l-oggetti li nbieghu u liema huma dawk li ma nbieghux sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-valur intrinisku ta' dawk l-oggetti li diga` nbieghu. Issa skond Giovanna Bonello, l-armla ta' l-attur, l-oggetti li dwarhom ma sar l-ebda pagament huma dawk fil-listi Dok. GBA u GBB (a fol. 100 u 101), lista li nkitbet minn zewgha. Ma giex determinat pero` ezattament meta saret din il-lista, cioe` jekk hux fl-1979 meta kienu hzienu r-relazzjonijiet bejn l-attur (missier il-konvenuta) u l-konvenut (ir-ragel tal-konvenuta) jew wara, cioe` meta hzienu wkoll ir-relazzjonijiet mal-konvenuta. Dan qed jinghad peress illi filwaqt li skond ic-citazzjoni t-talba tirrigwarda oggetti konsenjati lill-konvenuti bejn l-1980 u l-1982, il-konvenuti jghidu li wara Gunju 1979, u specifikatament wara li rtira Edgar Bonello, dan ma kienx ikkonsenja aktar oggetti. Giovanna Bonello, l-armla ta' l-attur, tghid li meta zewgha kellu l-pensjoni ma baqax jaghtiha oggetti lit-tifla. Joseph Bonello, wiehed mill-atturi u hu l-konvenuta, jikkummenta li meta missieru ghalaq il-61 sena ma baqax jahdem fil-hanut. Jghid ukoll li missieru u ohtu llitigaw wara s-serqa li saret mid-dar tal-genituri taghhom fl-1981 u li wara dakinhar ma tahiex aktar deheb; pero` jsostni li l-oggetti li dwarhom saret il-kawza missieru hadhom biex itihom lill-konvenuta wara li rtira. Jghid ukoll li ma kinux izommu *record* ta' dak li jiehu missierhom u li meta kien qed jarma l-hanut tal-konvenuta, huwa kien diga` rtira. Kuntrarjament ghal dak li qal Joseph Bonello pero` jirrizulta li l-hanut kien qed jigi armat fl-1977, jigifieri sentejn qabel ma rtira Edgar Bonello. Vincent Bonello, l-attur l-iehor, jghid li missieru rtira f'gheluq il-61 sena fit-28 ta' Awissu 1979 u li kellu x'jaqsam man-negozju biss sa dik is-sena. Ta' min jinnota li l-konvenuta xehdet li sa fejn taf hi Edgar Bonello kien izomm ktieb ahmar li fih kien izomm ir-*records* tan-negozju li kien ikollu maghha. L-atturi jsostnu li missierhom ma kien inizzel xejn dwar in-negozju mal-konvenuta. Dan huwa kredibbli peress illi kollox kien bazat fuq il-fiducja reciproka u anke peress illi kieku kien hemm kollox miktub, Edgar Bonello ma kienx

ikollu ghalfejn joqghod jipprova jiftakar flimkien ma' martu, kif xehdet Giovanna Bonello, x'kien ta lill-konvenuta biex ihejji l-listi Dok. GBA u Dok. GBB. Irid jigi notat pero` li dawn il-listi ma jikkombacjawx precizament mal-lista miktuba mill-Avukat Dottor Aldo Vella fuq l-informazzjoni dettata lilu mill-attur, liema lista tikkontjeni anqas oggetti minn dawk kontenuti fid-Dok. GBA u Dok. GBB.

Ghalhekk jibqa' l-fatt li l-uniku *record* tar-relazzjoni kummercjali bejn il-konvenuti u Edgar Bonello huwa l-pitazz Dok. MS1 u minn hemm jirrizulta li, ghalkemm l-ahhar li gew ikkonsenjati oggetti lill-konvenuti kien fil-5 ta' Mejju 1979, pagamenti baqghu jsiru sa l-1981 - l-ahhar pagament jidher li sar fid-9 ta' Gunju 1981 (*item* 95). Il-konvenuta kienet konsistenti fix-xiehda taghha u fl-insistenza taghha li kull ma baqaghlha mill-oggetti li kien taha missierha huma zewg *items*: in-numru 10 - *earrings with white stones* - u n-numru 27 - *18 ct. wedding ring*, oggetti li gew ikkonsenjati fl-4 ta' Novembru 1977 u fil-5 ta' Dicembru 1977 rispettivament. Barra minn hekk mill-pitazz minnha esibit jirrizulta li ghall-oggetti l-ohra kollha jew ghamlet il-pagament relattiv lil missierha jew irritornatlu l-oggett.

Ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-atturi rnexxielhom jippruvaw il-pretensjonijiet taghhom u konsegwentement it-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------